VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,546, 15 ta' Marzu, 2016
Taqsima B

A.L. 88 tal-2016

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2016 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' International Master of Science in Environmental Management and Sustainability – M.Sc. (EMS) – taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 8 (b) (v) tal-Istatut tal-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2016 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' International Master of Science in Environemental Management and Sustainability – M.Sc. (EMS) – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' International Master of Science in Environemental Management and Sustainability – M.Sc. (EMS) – taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali, ippubblikati bħala Avviż Legali 548 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Settembru 2016 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. L-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (1) tal-ordinament 3.

4. Il-paragrafi (2) u (3) li ġejjin għandhom jidħlu wara l-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"(2) Is-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, għandu jiddeċiedi n-numru ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors, skont ir-riżorsi disponibbli. Meta n-numru jkun limitat u l-għadd ta' applikanti eliġibbli jkun aktar mill-għadd ta' postijiet disponibbli, l-applikanti għandhom jiġu magħżula skont il-kriterji li ġejjin, li jkunu miftehma bejn iż-żewġ universitajiet:

(a) ir-rilevanza tas-suġġetti, ir-riżultati u l-klassifika finali tal-grad – 65%; u
(b) dikjarazzjoni ta' intenzjoni u l-motivazzjoni għaliex l-applikant jixtieq isegwi l-Kors u l-ittri ta' rakkomandazzjoni – 35%.

(3) Meta l-kriterji ta' hawn fuq ma jkunux biżżejjed biex tittieħed deċiżjoni dwar l-għażla tal-applikanti, jistgħu jsiru intervisti għal dan il-għan.

(4) Meta jsiru, l-intervisti għandhom ikunu mmexxija minn bord tal-intervisti maħtur mill-Bord, li jkun magħmul tal-anqas minn tliet membri.

(5) Il-bord tal-intervisti jista' jagħmel użu minn mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni biex isiru dawn l-intervisti."